



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0274(NLE)

15091/19
ADD 1

CORDROGUE 62
SAN 513
RELEX 1163

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Diċembru 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 624 final ANNEX
Suġġett:	ANNEX ta' Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-tlieta u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi fir-rigward tal-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961 kif emendata mill-Protokoll tal-1972 u l-Konvenzjoni dwar Sustanzi Psikotropiċi tal-1971

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 624 final ANNEX.

Mehmuż: COM(2019) 624 final ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.12.2019
COM(2019) 624 final

ANNEX

ANNESS

ta'

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-tlieta u sittin
sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi fir-rigward tal-iskedar ta' sustanzi
taħt il-Konvenzjoni Unika dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961 kif emendata mill-Protokoll
tal-1972 u l-Konvenzjoni dwar Sustanzi Psikotropiċi tal-1971**

ANNESS

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Istati Membri li huma membri tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni matul is-sessjoni tlieta u sittin tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi mit-2 sas-6 ta' Marzu 2020 dwar il-bidliet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' kontroll ta' sustanzi:

- (1) Kannabis u raġa tal-kannabis trid titħassar fl-Iskeda IV tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi (1961);
- (2) Dronabinol (*delta-9-tetraidrokannabinol*) jiżdiedu fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi (1961) u, jekk tiġi adottata din ir-rakkomandazzjoni, jitħassru mill-Iskeda II tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi (1971). Alternattivament, ir-rakkomandazzjoni ma għandhiex titressaq għall-vot u jenħtieġ li tintalab valutazzjoni ulterjuri mid-WHO.
- (3) Tetraidrokannabinol (isomeri ta' *delta-9-tetraidrokannabinol*) tiżdied fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni Unika dwar id-Drogi Narkotiċi (1961) soġġetta għall-adozzjoni tar-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi (CND) biex tiżdied id-dronabinol u l-isterjoisomeri tagħha (*delta-9-tetraidrokannabinol*) fl-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar id-Drogi Narkotiċi (1961), u, jekk tiġi adottata dik ir-rakkomandazzjoni, li għandhom jitħassru mill-Iskeda I tal-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi (1971). Alternattivament, ir-rakkomandazzjoni ma għandhiex titressaq għall-vot u jenħtieġ li tintalab valutazzjoni ulterjuri mid-WHO.
- (4) Ir-rakkomandazzjoni dwar l-estratti u t-tinturi ma għandhiex titressaq għall-vot u jenħtieġ li tintalab valutazzjoni ulterjuri mid-WHO.
- (5) Ir-rakkomandazzjoni dwar in-nota f'qiegħ il-paġna *“Preparati li fihom fil-biċċa l-kbira kannabidjol u mhux aktar minn 0.2 fil-mija ta' delta-9-tetraidrokannabinol mhumix taħt kontroll internazzjonali”* ma għandhiex titressaq għall-vot u jenħtieġ li tintalab valutazzjoni ulterjuri mid-WHO;
- (6) Preparazzjonijiet prodotti jew b'sinteżi kimika jew bħala preparazzjoni ta' kannabis, li huma mħallta bħala preparazzjonijiet farmaċewtiċi ma' ingredjent wieħed ieħor jew aktar u b'tali mod li d-delta-9-tetraidrokannabinol (dronabinol) ma tkunx tista' tiġi rkuprata b'mezzi faċilment disponibbli jew f'rendiment li jikkostitwixxi riskju għas-saħħa pubblika għandha tiżdied fl-Iskeda III tal-Konvenzjoni Unika dwar id-Drogi Narkotiċi (1961). Alternattivament, ir-rakkomandazzjoni ma għandhiex titressaq għall-vot u jenħtieġ li tintalab valutazzjoni ulterjuri mid-WHO.